MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 452/2003

**Central Mediterranean Productions Ltd
Vs**

**Alfred Ellul**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm430.25 (erba' mija u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) prezz ta' materjal mibjugh lil konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-1 ta' Awissu 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fit-2 ta' Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------